# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IL 15 TA LULJU, 1913. NRU. 73.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Daŭl....

Dac li ctibna il gimgha l'oħra taħt l'isem ta *Religjon*, milli naraŭ, ghogob ħafna, ghax inkas nghodduhom daŭc li ŭakkfuħa fit-triek—xi uħud minnhom nies li bil chemm nafuhom mil ŭiċċ—biex jitolbuna nissoctaŭlhom xi ħaġa hecc, ghall ftuħ tal ghajnejn. U aħna nifhmu u inħossu f'kalbna chemm hu minnu dac li kalilna ŭieħed minn daŭc in-nies: «Ighidulna li bit-Taljan ŭ bl'Ingliż issib takra chemm trid fuk daŭn il ħŭejjeġ: imm'aħna ma nafux ħlief bil Malti: u bil Malti mhux fuk dan iħobbu jictbu. Mela, aħna ghandna nibkghu dejjem fid-dlam? Ghandna nibkghu nakraŭ dejjem fuk il festi, fuk il pichi, fuk il partiti, fuk it-tghajjir ta dac u ta dan? It-taghlim tal icbar fejda ghandu jibka dejjem ghalina *ctieb projbit*?..... Ghax, nghiduħa bejnietna, bit-Taljan u bl'Ingliż—aħna li morna li Scôla sama ŭasal iż-żmien biex nibdeŭ nakalghu x'nieclu, jigifieri il biċċa il cbira tal Poplu—bit-Taljan u bl'Ingliż nakraŭ bit-tkanżiħ xi ħaġa: iżda ma nifhmu xejn; l'actar, imbaghd, fuk ħŭejjeġ tar-rekka bħal daŭn.»

Dan il cliem, li ħareġ minn fomm missier ta ħafna ulied, minn fomm ragel tas-sengha, f'kir u tad-dehen, li, ŭara ix-xoghol tal ġurnata, f'lôc ma jintilef fil ħŭienet jeŭ fil *Cażini tal loghob* (li haŭn minnhom chemm trid!), jingabar id-dâr ma martu u mat-tfal taħħom; u, ŭara li ighidu ir-Rużarju flimchien u jieclu boccun milli Alla jibghat, ikabbad il bintu il cbira, li tinkala f'li Scôla iżjed minnu, takralu il *Habib*, u l'aħħar ctieb tal *Moghdija taż-Żmien*, u xi ħaġ'oħra mil ftit cotba tajjba li sata jicseb geŭŭa daru; dan il cliem daħħalna fil ħsieb ta chemm ghandna natu cont ll'Alla mita, fil *Habib*, ma nfittxux li nifthu ghajnejn il Poplu fuk il ħŭejjeġ tal fejda ghar-ruħ u ghall gisem, il dan l'imsejchen Poplu, mħolli dejjem l'ura minn cullħadd, ma jistax jitghallem ħlief mil kari bil Malti!

Dan il Poplu *fenicju* u *latin*—chif sejjaħlu, nhar it-tlieta tal gimgha l'oħra, ŭieħed mil Chittieba tal *Gazzetta di Malta*—u seŭŭa ighidu li mnejn toħroġ ir-ruħ toħroġ il chelma!—dan il Poplu *fenicju* u *latin*, jigifieri ta *demm fenicju* mlakkam bid-*demm latin*, jigifieri ġebbieda ta ġnus collhom dehen u ħeġġa, nisel kaŭŭi ta daŭc li, fi żmienhom, darbtejn chienu giebu, bil ghakal u il ħila taħħom, id-dinja taħt idejhom; dan il Poplu Alla biss jista jaf chemm chien icun actar il-kuddiem, chiecu giè dejjem imdaŭŭal chif chien imissu u jistħokklu!

U dac li ma chienx, ghad jista icun, ghax iż-żerriegha tajjba; u malli tigi msokkija bl'ilma tal ħajja, malli tigi mrobbija u maħduma minn bdieŭa tal ħsieb u bieżlin, ghandha tarmi, u ticber, u tħaddar, u tati il frott taħħa.

Il bdieŭa (f'dan it-taghlim—ghax, imbaghd, hemm it-taghlim tar-ruħ, li minnu ghandhom jaghmlu il Kassisin tal ħrara u tad-dehen) il bdieŭa huma il Chittieba tar-rekka, il Chittieba mimlijin bix-reŭka li jaghmlu il gid lil ghajrhom. Hemm bżonn, iva, cotra ta cotba u gażetti ghall Poplu: imma iridu icunu cotba u gażetti li, bl'imħabba collha u bir-rġulija, ighallmuħ id-dmirijet tieghu lejn Alla kuddiem nett u imbaghd lejn Pajjiżu u lejħ in-nifsu, mhux li jimleŭlu moħħu bil kari fieraħ, bil kari ħażin, bil kari tal ħrejjef maklughin minn żniedhom; cotba u gażetti li juruħ x'kieghed isir fid-dinja, x'ghandu iħaddan, x'ghandu jaħrab, x'ghandu iħobb, x'ghandu jobghod; li jiftħulu ghajnejħ, f'chelma ŭaħda; mhux li iseŭŭsuħ bil ġlied, bil pichi, bil frughat, bil partiti...... ta cull xorta!

Chemm gid jista isir, ghar-ruħ u ghall gisem, ghar-Religjon u ghall Patrja, chiecu il Poplu, ħsieb ŭieħed u kalb ŭaħda, jitghallem isamma leħnu, fl'isem t'Alla u ta Malta, b'cull jedd li ghandu!

Iżda mhux *Pulitica* karrieka, mhux leħħa tal bŭiet, mhux ghira u tfantis bejnietna, mhux ġlied fuk dic u din in-niċċa, mhux daŭn il bżieżak minfuħa iridu icunu: imma Fidi sâfja, kima kaddisa ghad-Dâr t'Alla, mħabba ta Pajjiżna u taghna infusna, bid-daŭl u bir-rieda ta Poplu sħiħ fil fehma tad-dmirijet tieghu.

## AVVIS.

It-Tesorier javsa lill Caxxieri collha li, ghat-tliet xhur tas-sajf, icunu jistghu isibuh l'Unjoni jeŭ il Palazz Caraffa, il belt Strada Forni, numru 94, coll nhar ta Ħamis, mid-disgħa ta filgħodu sa nofs in-nhar.

It-Tesorier tal Caxxa tat-Fifdil

CAN. P GALEA.

## IL KADDIS
### Patrun tal Cungressi
U TALL'ASSOCIAZIONIJET EUCARISTICI.

Il Cnisia 'Mkaddsa—Omm li tfittex dejjem il gid ta uliedha—tgħazel xi uħud mill Kaddisin, sabiex dauna jipprotegiu u iħabircu dejjem izied il kuddiem xi opri, xi societajet illi ħuthom, li jinsabu fl'art tax-xogħol u tal ħidma, icunu kiegħdin imixxu jeu digià ifformau. Dina il għazla tal Kaddis Protettur jeu ta Kaddisa Patruna issir uara bosta considerazionijet— u actarx il Cnisia tgħamilgħa meta tcun rât seuua liema uiħed fost il Kaddisin li icunu iddeu f'ħajjithom f'dauc ix-xogħlijet jeu li icunu dehru jeħdu ħsieb ta xi bzonnijet speciali, hua actar mill'oħrain ògħla f'dauc l'opri jeu virtù.—Chif cheuba m'hix pħal'oħra fid-dia taħħa, hecc ucoll il Kaddisin beinithom, u l'istess Kaddisin li jinsabu fl'istess imħabba lein Alla u 'mzeinin bl'istess virtù.

Il ħsieb tal Cnisia—li tkigħed pħala Protettur Speciali lill dac il Kaddis jeu dic il Kaddisa—hua illi l'insara iħarsu Leiħ ta spiss u lilu izommu pħala mera fix-xogħol taħħom—tant fis-sagrifizi chemm ucoll fill giabra tall frott tal ħidma taħħom—li Lilu iħobbu b'mod speciali u jagħmlu chemm jistgħu sabiex ixerrdu il kima leiħ, il fuiħa tal virtù Tigħu, u uisk izied dic il virtù caratteristca u singulari illi fiha icun idda,—u, li, għalecc, Leiħ ta spiss jirricorru, Lilu jitolbu f'cull bzonn speciali li taħtieg is-società jeu f'xi opra straordinaria li jixtieku tirnexxi u isseħħ seuua.

Dina hi il fehma tal Cnisia— u tant hua veru illi—xi drabi—huma li stess Papiet bl'autorità cbira taħħom, m'hux l'Iskfijet jeu xi Devoti particulari, illi jaghzlu il Kaddis Patrun, u dan uara li icunu ħasbu tajjeb il motivi u ifformauhom fi ftit cliem fl'ittri Enciclici taħħom— u għaldakshecc il veri ulied tal Cnisia li jobdu il Papiet u inisslu fl'oħrajn ix-xeuka taħħom, jaghmlu scond ma stabileu il Papiet u ifittxu ir-ragiunijet f'dauc l'Enciclici sbieħ u mimlija bill għerf.

Hecc ġara riguard il Kaddis Patrun tal Cungressi Eucaristici, li hu San Bascal Baylon tal Ordni tal Minuri, aich frangiscan, mimli bl'imħabba lein l'Eucaristija 'Mkaddsa.

Il Papa Leuni Tlittax, li sgur ħatt ma jinsieħ, fis-sena 1897 ħareġ *Brevi* li jibda bill chelmiet *Providentissimus Deus*, u bid-data tat-28 ta Novembru, li fiħ kal daun il chelmiet; «Fost il Kaddisin colla, li ureu mħabba speciali lein is-Smu: Sagrament ta l'Altar, S. Bascal Baylon kigħed fl'euuel lòc»—u imbgħad issocta igħid «Aħna inzommu jebes u nifmu sħiħ li l'Associazionijet (Xriechi) colla li għandhom x'jaksmu ma l'Eucaristija 'Mkaddsa ma jistgħaux jokogħdu aħiar ħlief taħt il protezioni «ta S. Bascal Baylon», fl'aħħarnett l'istess Papa temm u kâl: «Għaldakshecc, Aħna niddichiarau u niddecretau, bill kauua ta daun l'ittri, illi San Bascal hu il Patrun Speciali tal Cungressi colla li jinzammu mill'Associazionijet tas-Smu: Sagrament, chif ucoll ta dauc l'Associazionijet colla li isiru il kuddiem.» (Ara dan il Brevi).

Chif jidher bicciar, il Cnisia Imkaddsa għazlet lil San Bascal Baylon pħala Patrun Speciali tall Cungressi, Associazionijet, Cumpanii colla tas-Sagrament Eucaristicu; u sabiex nitħlu ftit fill ħsieb tal Cnisia narau fuk fuk xi ragiunijet li hia chella sabiex tieħu Lilu pħala Patrun tall'Opri Eucaristici.

Donna tasseu ħagia tall'għageb li il Papa Leuni mar jagħżel lill San Bascal, aich frangiscan, fost tant Kaddisin li iddeu bi'mħabba l'izied cbira lein l'Imkaddes Sagrament jeu b'għerf tall għageb sabiex jictbu u jiddefendu dan il Misteru tal Fidi Mkaddsa. S. Ġuann Crisostmu, Duttur mill'akua tal Cnisia u li chiteb tant fuk is-Sagrament,(1); San Tumas ta Aquino, Duttur, chellu l'incarcu mill Papa Urbanu IV li jiccomponi l'ufficiu għal festa ta *Corpus Domini* minfloc uffiziu iħor li chien già jinsab tal Canoncu Ġuanni ta Losanna; (2) S. Bonaventura Iskof u Cardinal, Dottur tal Cnisia, li għamel il *Lauda Sion*; Sta. Chiara t'Assisi; Sta.Giuliana ta Falconerii; S. Frangisc Regis, gesuita; Sta.Chiara ta Montefalco,agostiniana; u tant oħrain; chienu mixghoulin b'imħabba tall għageb lein l'Eucaristia; Sant'Antnin ta Padovaipprova b'miraclu il presenza reali ta Gesù fis-Sagrament; il martri ta Gorcum, S. Nicola Pikius u sħabu martri, frangiscani, agostiniani, dumnicani, premonstratisi, xerrdu demmhom għal Fidi fl'Eucaristia—b'dana collu, il Cnisia 'Mkaddsa marret tgħolli fuk cullħatt l'umili Kaddis S. Bascal Baylon tal Minuri, li għâd li ma ċarċarx demmu għall'Eucaristia, uira mħabba tal għageb, chif tgħid il Cnisia stess fl'orazioni tigħou, lein dan is-Sagrament ta 'Mħabba.

Mela, chif igħid il Papa Leuni, dana il Kaddis uara li għadda l'euuel snin ta ħaitu fl'umili stat ta ragħai, mgħoni bill ħueijeg tas-sema, ħa il ħajja ħarxa tal Patrijet Minuri tall'Osservanza ta l'izied rekka u bill contemplazioni fis-Smu: Sagrament uasal sa l'ogħla u l'igbar għerf tal Misteriu tal Imħabba.

Nsibu, ucoll, li S. Bascal chellu fit-tfulija tighou visioni sabiħa tall'Ostia Imkaddsa; ta aich Frangiscan chien jitkarben culljum u cull nitfa ta zmien li chien jifdallu chien igħaddiha kuddiem it-Tabernaclu. — Sicuit chienu jarauħ mgħolli minn uicc l'art, barra minnu innifsu f'estasi kuddiem Gesù Sagramentat.— Dan m'hux bizzejjed: S. Bascal mill contemplazioni fis-Sagrament intela b'għerf cbir li saħansitra, għavvolja mingħair ebda scola, chiteb opri tal għageb fuk Alla u is-Sagrament ta l'Altar u chien iuigeb lil mistoksijet tat-Teologi b'mod li l'Arciskof imsemmi Ġuanni ta Ribera kal li aħna bill għerf collu tagħna ma aħna xein ħdein dac tal fkajjar Bascal Baylon. Izda hemm ħaġ'oħra: dan il Kaddis chellu ucoll il grazzia li jiddefendi l'Eucaristija u jeħodha mall'Ugonotti u il Calvinisti—u għal ftit ma ħalliex ħaitu f'Orleans, għad li kala taptip u suat għal imħabba tal'Eucaristija. Din l'Imħabba bakghet fiħ sa uara meutu, għax fil uakt li chienu jagħmlulu il funerali fetaħ darbtein għaineiħ u kâm jadura l'Ostia Imkaddsa mgħollija mis-Sacerdot.

Li conna, imbgħad, nakrau it-talb li chien jagħmel kabel u uara it-Tkarbin, conna ngħidu li S. Bascal hua veru Duttur tal-l'Eucaristija; barra milli hua veru martri u martri tall'imħabba tall'Eucaristija.

Jecc ma daun il qualitaijet sbieħ, inzidu li bosta miracli hua opera għali'imħabba tas-Sagrament, u li darba Hua stess deher jadura l'Ostia, darb'oħra sauuat lis-Sagristan ghaliex ma ghamilx genuflissioni kuddiem is-Sagrament—aħna ma immorrux żball jecc ngħidu li għall'imħabba ġbira li uera San Bascal lein l'Eucarislija giè mgħazul bi Protettur mill Cnisja Imkaddsa.

U il prova l'izied ciara ta dan il Protettorat hia li S. Bascal dejjem ħabrec għal gid ta l'Opri Eucaristici.—Bizzejjed 'ngħidu li taħt il patrociniu ta dan il kaddis, il Cungressi Eucaristici ħâdu impurtanza ġbira, pħalma raina aħna stess sa geuua Malta tgħana. Mis-sena 1197 kâmu bosta opri u congressi eucaristici li ma conniex nispicciau jecc chelna insemmuhom colla. Collħatt għaraf u ħass il kauua tal protettorat ta S. Bascal Baylon u fill Cungress ta Londra, ta Vienna u oħrajn leuuel articoli dehru fuk il Patrun Speciali tal Cungressi.—Li Spagnoli ma cakgħoux x'jagħmlux għal S. Bascal, spagnol u gloria tall Cungress ta Madrid, li saħansitra talbu lill Papa Piu X li jatihom xi Indulgenzi għalmin jagħmel l'adurazioni lis-Sagrament u jitlob fil festi ta S. Bascal u f'cull sbatax tax-xahar iddedicat lill'istess kaddis. (Ara il Brevi tat-8 ta Jannar 1913).

Sata, immela, l'Ecclmu. Iskof ta Namur, il President tall Cangressi Eucaristici Mons. T. Heylen— dac li chien tà l'Imprimatur lill Auturi li chitbu il Ħajja ta S. Bascal u xtiek li tigi mgħarufa ma cullimchien—ma jokgħodx għarcupteiħ geuua is-sabiħ Tempiu tal Mosta, u f'cull lakgħa tal Cungress Eucaristicu ta Malta, ma igħidx: *Sancte Paschalis. ora pro nobis?*

Ħabibec,
P. Leonardu, O.F.M.
Lettur generali.

Niżżu-ħajr lir-Reverendu Patri Lettur Leonardu, tal Minuri Frangiscani (*ta Gieżu*), li, bil gherf u it-tieba tieghu, gharaf jakta hecc biċ-ċar u fil ŭisa ix-xeŭka ta min ried jaf ghax, fil Lakghat tal Cungress, ŭara l'*Ave Maria*, conna ngħidu: *Sancte Paschalis, ora pro nobis.*

Id-Direzzjoni.

## IS-SLIEM GHALIC, MARIJA.

(*)

Is-sliem ghalic! Biex ħdejc inŭassal talbi
fil ghodu, f'nofs in-nhar u fil ghaxija,
ma 'nsibx cliem iżjed ħelu geŭŭa kalbi:
is-sliem ghalic, Marija!

Int ghajn tal ħniena, ghax Alla l'imbierec
tal hena tieghu niżżel fic id-dija
u il ġmiel ta ruħu ma ġmiel ruħec xierec:
Int bil grazzja mimlija!

Is-Sinjur mieghec! Int il bieb tas-Sema:
sa fuk il Kaddisin isaltan drieghec
u minnec fuk di' l'art cull ġid jirtema:
is-Sinjur Alla mieghec!

Imbierca fost in-nisa, ghax dac Alla
li ma jesghux tas-Sema u l'art il ŭisa
ghammar ġo fic u lilec sâfja ħalla:
imbierca fost in-nisa!

U imbierec Hu, li, ruħna biex ifejjak,
tnissel fil ġuf u sar demm ŭieħed mieghec:
fil faraġ tagħna, chif ucoll fid-dŭejjak,
imbierec il Frott tieghec!

O Kaddisa! Biex ħdejc inŭassal talbi,
mita l'imràr tad-dinja jaghmel bija,
ma 'nsibx cliem iżjed ħelu geŭŭa kalbi;
o Kaddisa Marija!

Omm Alla, li mix-xejn ilcoll ħalakna;
u, imbaghd, bħal midinbin, sabiex jifdina,
tghabba bi dnubna u fic minn ġdid seddakna:
Omm Alla, itlob ghalina!

Itlob ghalina: ŭakt il hemm u in-nichet,
issa—cull ħin—fis-siegha tal meŭt taghna—
sa mita l'aħħar nifs fina icun sichet,
kis li tcun dejjem maghna!

G. Muscat-Azzopardi.

(*) Gibna din il poeżija, li conna ħrigna fil *Ŭard u Żahar* tal 15 ta lulju 1899 (lejliet il festa tal *Madonna tal Carmnu*), l'eŭŭel nett ħalli naktghu ix-xeŭka ta ŭieħed mill'eghżeż ħbieb taghna, li ilu isus ŭarajna biex jaraha miġbura fil *Habib*; u, imbaghd, ghax, din is-sena, chif ninsâbu mghobbijin bix-xoghol, ma chellniex żmien nictbu xi ħaġa ghall *Madonna tal Carmnu*, bħalma conna ilna snin naghmlu: mil bkija, ŭara erbatax il sena, ħafna mil Karrejja tal *Habib* isibuha ġdida ghalihom.

Id-Direzzjoni.

(1) Ara l'Omilii tigħu—li għalihom giè msejjaħ *Doctor Eucharistiae*, Nägle, Friburgo, 1900.

(2) Ara Binterim, Denkivurd, V, 1,282.

il post. Aħna ghadnilu Sur James issa aħna inħallsuc xi ħaga tal fastidiu, allura xkabes hua u kalilna li iena irrid mincom li xi gurnata nigimou xi ħaga tal flus u namlu Società biex natu ghainuna lil ħutna Maltin ta Malta. Allura Sur Direttur dan issiniur kat ma chien jafna u lankas ma chellu il conoxenza taghna u lankas ma jaf il ħat minna. u aħna meta geina haun conna strangieri mal paijis u mux biss kabes ghalina biex isibilna ixxol imma anchi uriena fejn immorru nixtru il laħam u il ħops irħas u anchi, chif kedin inghaidulec, illi hua ta kalbu mimlia bl'imħaħba ghal Maltin u anchi li interessa ruħu uisk ghall cüll Malti li itħlu mal Compania tieghu, u dan ġara lilna u cull ma iena kied nictep haun li hua tal verità ghax chif sibnieħ ta ragel ma nistoux nissaportu actar izzmien biex nitolbuc li iggib din Littra fil giornal min kabel, aħna issa ilna impiegati haun fuk xar u ninsabu cuntenti, u anchi aħna irridu inghaidu u ingharfu lin-nies tar-raħal taghna tal Mosta, u taz-Zeitun li jecc iridu jiġu ghal Montreal u jictbu lis-Sur James ma ietilfu xein kabel ma ietilku, ghax limpressioni tas-Sur James il kuddiem irid igib il Bandiera Maltia fuk iddiar tal Maltin u il femha tal ħaddiema ta Malta flimchien unita li cul patriot iakbes ghal uieħed u liħor bħall aħua.

Allura Sur Direttur nitolboch li tiscuzani bil fastidiu li ahna kedin natuch, u aħna nisperau u chif nisemou mill Maltin li haun dal uakt incunu abli li nifformau Società li irridu natu lesem ta Societa « The Knight of Malta Protective Association of Canada.»

Insellu ghalic uisk u anchi nixtieku li insellu ghas-Sur Rev. Dun Giusep Darmanin taz-Zeitun.

Nitclbuc li tiscuzana ghax ctibtlech bill lapes. Aħna dejjem tieghec il karrejja tal giurnal ghaziz min tiehec il Habib.

Sur direttur addio.

Dejjem tieghec,
Giorgi Ciantar (Mosta).
Paulu Ellul (Zeitun).
Carmelu Farrugia, (Zeitun).
Salvu Calleja (Mosta).
Michel Zammit, (Zeitun).
Carmelu Vella, (Mosta).
Spiru Schembri (Lixandra).
319, River View.
Back River.
Montreal

## Chitbulna:—

8 Lulju 1913.
Sda. S. Lucija, 168.

Sur Direttur tal *Habib*,

Kaghd naħseb ftit, ghall cbira grazzja t'Alla din id-darba għanna ħafna kari taijeb, li minnu titgħallem ħafna minn ghair ma ittabba ir-ruħ tighiach u daun il ħafna sinjuri li kedin jissagrificau ruħom għandom mertu cbir u ghat issibuħ kuddim Alla.

Issa contra daun issinjuri li jistħokkilom cull rispett emm sinjuri oħra cuntralji li bix imexxu iddaisa taħhom iridu imexxua bliscandlu, jidrilom huma.

Milux tħalt f'ħanut tassigarretti u tlaptu caxxa sigaretti, ħallastu u tlakt. Meta mort ftaħta sibt dakxein ta stampa li malli raita emminni li kazzitni għall figura taħħa: issa nghid jen dan hemm bzonnu? Ma jiddirlix li daun issigarretti bix jiemxu emm bzon dan għax jldderli li is-sagarretti mexxeija bizzeijet, u mbat jecc icunu iridu igibu xi stampi għax ma isibux xi ħaga oħra, xi veduti, xi monumenti u ħueijeg oħra pħal daũn, li meta tgħakkat cullezzioni li tcun tista tippresentaha kuddiem cull ħatt, mux dich il ħafna dissonestà, għax, chif naħseb jen, impossibli li haun minn għandu il curagg li jokgħot jiġbor collezzioni minn daun il cualità u uara li icun ġabara jagħmila fi guarnic u idendila ġo daru. Chif taħsiba int sur Derettur? (*)

Inselli għalich ħafna u oddni deijem b'ħaħib tal *Habib,*

G. M. A.

P. S.—Ghaun issip ismi sħiħ ghassudisfazzion tighiach.

. . . . . . . . . . . . . . . . .

(*) Aħna naħsbuha li, jecc haũn tas-seũ jiġru fl'idejn minn daũn li cxiexet tas-sigaretti b'li stampi oxxeni, il Pulizija għandha id-dmir tara fejn kieghdin jinbieghu; u mhux biss tiġborhom, imma iggib ucoll kuddiem il Korti il cull min issiblu minnhom għall bejħ: dan tgħidu il Lîgi: u sar actar minn darba ma min mexxa xi *cartolini* u xi *reclamijet* oxxeni: Iżd' aħna, minn għalina, ma smajna katt bihom daũn il cxiexet tas-sigaretti bil *figuri disonesti*: u chiecu is-Sur *G.M.A.* (billi jakblu, taħsbux li huma l'ittri tal isem u il cunjomijet taghna) ma taniex ghas-sodisfazzjon taghna ismu u cunjomu, din l'ittra ma conniex ingibuha. Ma dan collu, ma nistgħux nifhmu ghax ma ghamelx ismu u cunjomu fl'ittra ucoll, ghax f'rasha għandu it-triek u in-numru ta fejn jokgħod, li għal min irid icun jaf min hu jigi xorta ũaħda.

ID-DIREZZJONI.

## Ma dûar id-dinja.

*Franza*—Brindejone des Moulinais telak mill'Olanda (bl'*areoplan*, ballun tal ajru) għall Franza, imsellem mil Princep, żeũġ ir-Regina. Ma tûl il vjaġġ kâmet tempesta, u sa chemm ũasal fuk Cambray, ma chienx jaf fejn chien miexi.—Allura tbaxxa lejn l'art, u giè milkuħ fl'ârja minn Avvjaturi (nies li jivvjaġġaũ fil blalen) oħra. Ũara ftit,flimchien maħħom, telak ghall Parigi, fejn bil ferħ giè milkuħ mil Cbarat u fosthom Barthou, President tal Ministri.—Giè mfaħħar minn cullħadd u il President offrielu medalja tad-deheb.

Mhux hecc ixxurtjat chien il Captan Rey, avvjatur militari,li fil ũakt li Brindejone chien jircievi il ferħ ghad-difficli titjira, chif, flimchien ma suldat, ũasal gholi ta elf pied fuk Behonne, l'areoplan inkaleb. Il Captan miet mal ũakgħa u is-suldat giè ferut ghall meũt.

*Johannesburg*— Fuk qũistjoni tal ħlas, il minaturi ghamlu xjopru u irvellaũ.—Il Pulizija ippruvat li ixxerred in-nies: iżda daũna ma obdeũx u chellhom jaghmlu in-nar fukhom u katlu erbgħa, barra milli bakgħu 50 feruti bejn min-nies tal Pulizija u mil Poplu.

*Tripli*—Fil ũakt li l'Inginieri taljani, ħdejn Cyrene, chienu jaghmlu triek, il Gharab ġreũ fukhom, u billi chien cbir in-numru ta daũn, it-Taljani ũara li żammeũ chemm felħu ħarbu lejn il belt, mnejn il General baghat numru seũũa ta Suldati li checceũ l'ura il Gharab.—It-Taljani, scond l'aħbarijet ufficiali, chellhom 107 mejjtin u 110 feruti—iżda jissopponu li tilfu bil bosta iżjed.

*Balcani*—Il Gũerra bejn li Stati tal Balcani kieghda titcompla b'actar ħruxija minn kabel.—Eluf u eluf kieghdin imutu mill'esercitu ta cull Stat—u cullħadd ighid li hu rebbieħ.—Mhux jidher ċar li it-telliefa hi il Bulgarja u rebbiħin huma is-Serbja u il Grecja, li issa intghakdu flimchien ħdejn Ishtip, li fiha scoppja il Colera.—Ir-Rumanija tkanklet ucoll, ġà iddichjarat gũerra lill Bulgarja, u ghaddiet il frontieri taħħa.—Il Bulgarja uriet li kieghda tibża u talbet lir-Russja biex tindaħal ghall paci. Din accettat bil patt li ma icunx hemm iżjed tiġbid u li il Bulgarja iġgib ruħha aħjar mal Grecja u mas-Serbja.—Jittamaũ li bejn li Stati tal Balcani isir ftehim ghall'armistizju.

*Germanja*—Fil Parlament sejjrin ighaddu ligi li biha jiġu iccundannati daũc li ireddghu it-trabi minn fliexchen bil beżżula tal gomma lastica, ghaliex din hi ħażina għas-saħħa.

*Montreal* (*Canada*)—Maltin li kieghdin hemm chitbulna li fit-22 ta ġunju sar ħruk tal ũaħx f'dic il belt: hemm bosta mejjtin u feruti. Ebda Malti ma corra.

L M.C.G.

Supplices, Domine, pro animabus famularum tuarum preces effundimus.............

Bil kima taghna collha, natu il ghomor lir-Reverendu Professur Patri Majjistru Anastasju Cuschieri, f'din il ghafsa cbira li giet fuku bil meũt tal maħbuba ommu, is-Sinjura

ANDRJANA armla CUSCHIERI,

mera tan-nisa tajjba maltin, li giet nieksa, haũn il Belt, nhar l'erbgha li ghaddeũ, ta 73 sena. U nixtieku li mil karrejja collha tal *Habib* ħadd ma jinsa jitlob ll' Alla ghall mistrieħ tar-ruħ ghażiża taħħa.

Is-Sinjura Cuschieri, ħsiebha f'Alla u kalbha marbuta ma uliedha u ma ulied uliedha, chienet miżmuma minnhom collha f'ghożża li ma bħalha; u min jaf iħobb l'ommu bħall Professur Cuschieri, cbir u sâfi fil gibdiet tieghu collha, jista jifhem chemm süietlu din il firda minnha. Alla jatiha is-sebħ tal Genna.

†

Żeũġ Sacerdoti oħra mill'aħjar li għandu il Cleru ta Malta, Monsinjur Dun Alfons u il Cappillan Dun Pier Battista, aħũa, Agius, ġarrbu il ħasra tat-telfa ta ommhom,is-Sinjura

ROSA armla AGIUS,

li mietet ucoll haũn il Belt, f'li stess ġurnata, ta 84 sena, imfarrġa bil ghodda t'Alla. Chienet mara mill'aħjar u chienet il hena ta uliedha collha.

Itolbu ghall mistrieħ tar-ruħ imbierca taħħa.

†

Itolbu ucoll ghar-ruħ tajjba ta CENSA CAMILLERI, omm il ħabib taghna Nicol, li deħer ismu haũn actar minn darba. Chellha 68 sena; u mietet, chif ghaxet dejjem, ta vera nisranija.

ID-DIREZZJONI.

Mil LUCERNA TAL HAJJA. — 64. Mita taghmel dac li int imgieghel taghmel, ghid: Jen kaddej battâl, ghamilt dac li chelli naghmel.

### FRAC TAD-DEHEB.

Ir-Reverendu Protestant William Jurcy, Ministru tal Cnisja ta *San Paũl* ta Brootilyn, tghammed m'ilux u issa kieghed jistudja biex isir Sacerdot Cattolicu fis-Seminarju ta Santa Marija ta Baltimora (l'America).

### MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

MONOVERB

(*tmin ittri*)

● ———— n
——1——
————
————

P. C. Bezzina.

L'aħħar *Taħbit il moħħ* chien:

*Kabar sabiħ bil ũard fuku u il meũt taħtu.*

Giebuħ tajjeb: mil Belt, is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sinjuri C. Griscti, P. Camilleri-Bezzina u *Ginu*. Ħadd actar!